# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 17 ta' Frar 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 513/2021 TA**

**Eleonora Shokur f'isimha proprju u wkoll bħala leġittima rappreżentanti ta' bintha minuri Mylana Shokur**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**
**u**
**L-Ministru Għall-Intern, Is-Sigurta` Nazzjonali u L-Infurzar Tal-Liġi,**
**L-Onorevoli Prim Ministru,**
**L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv maħtur taħt il-Kap. 420**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Eleonara Shokur fil-kwalita` dikjarata (ir-rikorrenti) tat-12 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi l-esponenti kienet waslet f'Malta mat-tifla tagħha, li għadha minuri, u żewġha Maksym Shokur, u dan mill-Ukraina, bħala refuġjati;

2. Illi huma kienu waslu Malta fit-tanx (12) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn tablet li tingħata status ta' refuġjat;

3. Illi ftit wara l-wasla tagħha f'Malta ossia, fis-sitta (6) ta' Diċembru tal-istess sena, hija ingħatat protezzjoni umanitarja temporanja u bdiet taħdem hawn Malta fil-qasam ta' l-isbuħija b'mod regolari, u fil-fatt dejjem ħallset it-taxxi relattivi;

4. Illi f'Ġunju tas-sena kurrenti (2021) hija ġiet infurmata illi l-protezzjoni umanitarja temporanja kemm tagħha u kemm ta' bintha minuri kienet ser titneħħa u ngħatat tali deċiżjoni permezz ta' ittra datata t-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2021;

5. Illi l-esponenti appellat minn din id-deċiżjoni fit-Tribunal tal-Appelli dwar Protezzjoni Internazzjonali pero` b'sentenza ta' dan it-Tribunal datata 7 ta' Lulju 2021 ġie deċiż illi m'hemmx appell minn deċiżjoni dwar protezzjoni umanitarja temporanja. Fil-fatt l-Artiklu 17A(2) tal-Kap. 420 jgħid is-segwenti:

> "*Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali li tirrevoka, ittemm jew ma ġġeddidx protezzjoni umanitarja temporanja.*"

6. Illi, apparti mill-fatt illi l-esponenti m'għandhiex dritt ta' appell minn din id-deċiżjoni tat-tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja, hija qatt ma ngħatat udjenza ossia l-opportunita` biex tispjega l-pożizzjoni tagħhha qabel ma ttieħdet id-deciżjoni ta' tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja.

7. Illi dan jammonta għal ksur tad-dritt tal-esponenti għal smiegħ xieraq kif anċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Illi fil-frattemp l-esponenti u r-raġel tagħha Maksym Shokur kienu stabbilew ruħhom bhala familja hawn Malta u konsegwentement bid-deciżjoni msemmija hija u bintha sejrin effettivament jiġu mifruda mir-raġel tagħha.

Għaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joġġgħobha:

i. Tiddikjara illi l-fatt illi qabel ittieħdet id-deċiżjoni dwar it-tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja ma kenitx ikkonsultata u ma ngħatatx smiegħ meħud flimkien mal-fatt illi minn din id-deċiżjoni m'hemmx appell, dan imur kontra Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

ii. Tiddikjara illi bid-deċiżjoni msemmija qegħda wkoll tilledi d-drittijiet fundamentaqli tal-esponenti kif sanċit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

iii. Tagħti ordni *ad interim* fil-mori tal-proċeduri u b'mod urġenti sabiex id-deċiżjoni datata 28 ta' Ġunju 2021 dwar it-tneħħija ta' protezzjoni umanitarja temporanja ma tingħatax effett sakemm ma jiġux deċiżi finalment dawn il-proċeduri, u tordna li l-esponenti tingħata d-dokumenti ta' identita` tagħha u tat-tifla tagħha;

iv. Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tannulla d-deċiżjoni datata 28 ta' Ġunju 2021 fejn tneħħiet il-protezzjoni umanitarja temporanja tal-esponenti u bintha u konsegwentement tqiegħed lill-esponent u lil bintha Mylana Shokur fil-posizzjoni li kienu fiha qabel id-deċiżjoni datata 28 ta' Ġunju 2021 fejn tneħħiet il-protezzjoni umanitarja temporanja tagħhom, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-partijiet l-oħra (l-intimati) tal-31 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu wieġbu s-segwenti:

"1. Illi l-esponent Kap ezekuttiv jirrileva s-segwenti fatti bhala dawk maghrufa lilu:

Ir-rikorrenti hija persuna ta' nazzjonalita' Ukrena. Ir-rikorrenti kienet applikat ghal protezzjoni internazzjonali kif regolata mill-Ligi fl-20 ta' Novembru 2014 u giet michuda fis-6 ta' Dicembru 2014. Minn dik id-decizjoni kien jezisti dritt ta' appell quddiem l-International Protection Appeals Tribunal (IPAT) gja bord tal-appelli dwar ir-Refugjati liema dritt ta' Appell ma giex utilizzat mir-rikorrenti. Madanakollu r-rikorrenti nghatat *temporary humanitarian protection* wara r-rifjut ghal protezzjoni internazzjonali. Din it-tip ta' protezzjoni kienet *policy* mhaddna mill-Kummissarju ghar-refugjati liema protezzjoni temporanja ma kienitx regolata bil-Ligi.

Illi fit-2 ta' Gunju 2021 l-esponent Kap Ezekuttiv ddecidiet illi abbazi tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kaz tar-rikorrenti ma baqax jimmerita *temporary humanitarian protection* u ghalhekk tali protezzjoni giet irtirata. [1] Din id-decizjoni giet notifikata lir-rikorrenti fit-28 ta' Gunju 2021

Ir-rikorrenti appellaw quddiem l-*International Protection Appeals Tribunal* u giustament l-istess Tribunal kkonkluda illi ma jezistiex dritt ta' appell minn *temporary humanitarian protection* stante illi l-artikolu 17A tal-Kap. 420 jistipula dan kollu.

[1] Vide artikolu 17A tal-Kap 420 u d-decizjoni tat-2 ta' Gunju 2021

## Eccezzjonijiet Preliminari

2. Illi l-esponenti Avukat tal-Istat, il-Ministru ghall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi u l-Onorevoli Prim Ministru jecepixxu illi huma m'humiex il-legittimi kontraditturi u dan *stante* illi l-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula car u tond li kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' *asylum seekers* jaqghu taht il-Kappa tal-*International Protection Agency* kif debitament rapprezentata mill-Ufficcjal Kap Ezekuttiv tal-istess agenzija. Kwindi, dawn l-esponenti ghandhom minnufih jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u m'ghandhomx ibatu ebda spejjez relatati ma' dawn il-proceduri;

3. Illi in linea prelminari ukoll jigi eccepit li rikorrenti naqsu milli jutilizzaw rimedju ordinarju effettiv u accessibbli li jaghtihom il-ligi u cioe` azzjoni ghal-stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta *stante* non-ezawriment ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;

4. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-kaz odjern *stante* illi l-esponent Kap Ezekuttiv la huwa Tribunal, Bord jew Qorti fis-sens tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dan is-sens tali esponent m'huwiex marbut bil-proceduri konvenzjonali kif qieghed jallega l-attur;

5. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent jecepixxi li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u m'ghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015);

## Eccezzjonijiet fil-Mertu

6. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrenti jallegaw li ma nghatawx smiegh xieraq mill-Kap Ezekuttiv u li d-decizjoni tal-istess Bord hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottometu li r-rikorrent ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont huwa, jkun zbaljat fid-decizjoni tieghu. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' ta' awtorita'. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk awtorita' iddeciedietx b'mod tajjeb u korrett applikazzjoni. Illi minn qari tar-

rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrenti qed jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-proceduri decizi mill-awtorita. Fir-rikors promotur taghhom r-rikorrenti mkien ma jfissru kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li qieghed jaghmel huwa li jikkontesta l-mod li ddecieda l-proceduri in konfront tieghu il-Bord u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Bord. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

7. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita' gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qeghdin ilibbsu l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;

8. Illi jinghad ukoll li d-dritt ghal familja li jikkontempla l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja m`huwiex xi dritt assolut u tali interferenza fil-hajja familjari hija legittima u gustifikata peress li tali mizura taqa` taht l-interessi tal-Istat li jaghti protezzjoni internazzjonali u/jew protezzjoni umanitarja temporanja lil minn vera jkun haqqu. Fuq kollox zgur li l-kaz odjern ma jaqax taht dawk il-kazijiet ta` *"extreme urgency"* u *"irreparable harm to life and limb*" li jiggustifikaw xi talba ghal dritt ta *humanitarian protection* gewwa pajjiz ewropew;

9. Illi l-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) permezz ta' digriet kamerali tal-4 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet "***Sherif Mohamed Shennawyh Vs. Avukat Generali et"*** (kopja informali tad-digriet qed jigi anness u mmarkat bhala Dok '**IPA 5**') kkunsidrat is-segwenti:

"*Ikkunsidrat:*

..***<u>the Court is not an appeal tribunal from the asylum and immigration tribunals of Europe…</u>***

***<u>"Where national immigration and asylum procedures carry out their own proper assessment of risk and are seen to operate fairly and with respect for human rights, the Court should only be required to intervene in truly exceptional circumstances".</u>***

*Illi fil-każ preżenti, m'hemm l-ebda dubbju li l-awtoritajiet Maltin aġixxew mhux biss rite, imma wkoll recte, kif jidher ex facie s-sentenza studjata tal-Immigration Appeals Board li mhux biss applikat il-liġi dwar l-immigrazzjoni imma wkoll daħlet fil-fond dwar l-aspetti ta' jeddijiet fundamentali.*

***<u>Illi quddiem din il-Qorti, kif għamel quddiem il-Bord imsemmi, ir-rikorrent jiċċita favur tiegħu il-jedd fundamentali għall-ħajja familjari. Jgħid li għandu għadd ta' tfal, erbgħa minnhom minorenni. 'danakollu, ma jgħidx ċar u tond jekk hux qiegħed imantnihom jew le. Ma jidhirx li jgħixu miegħu</u>****. Ma jirriżultax li m'hemmx min jieħu ħsiebhom fl-assenza tiegħu waqt is-smiegħ tal-kawża kostituzzjonali li fetaħ. Jidher li nstab ħati ta' vjolenza domestika, li, waqt id-depożizzjoni viva voce tiegħu quddiem din il-Qorti, huwa rrifera għaliha bħala kwistjoni normali bejn il-miżżewwġin – attitudni li qajla mpressjonat lil din il-Qorti bħala xi rabta kbira mal-familja tiegħu.* ***<u>Fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda allegazzjoni kredibbli ta' xi ħsara serja u rreparabbli għal dawn it-tfal..</u>****."*

Illi l-esponenti jirrilevaw illi il-fatti specie tal-kaz succitat huma komparabbli mal-kaz odjern ghalkemm jitrattaw talba ghal *interim measure*. *Multo magis*, l-istess taghlim illi dik l-Onorabbli Qorti stipulat fid-digriet kamerali ghandu japplika ghal każ odjern u dan ghaliex anki fil-fatti specie tal-vertenza li ghandha quddiema dina l-Onorabbli Qorti, l-minuri m'hijiex ta' eta zghira imma ta' hmistax il-sena (15) u tirrisjedi ma missiera. Aktar minn hekk, xejn ma jzommha milli zzur lill-missier bijologiku fil-pajjiz tal-origini tieghu;

10. Illi aktar minn hekk dwar l-iment tal-attur bbazat fuq u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-esponent jirrileva illi fejn hemm ilment illi kwalunkwe *removal* wara din il-kawza jista' jinteferixxi mad-dritt ta' immigrant projbit ghar-rispett tal-hajja familjari, l-artiklu 13 tal-konvenzjoni in konessjoni mal-artikolu 8 jirrikjedi illi stat irid jaghti facilita' lill-persuna illi jikkontesta b'mod effettiv id-deportazzjoni permezz ta' salvagwardja procedurali (vide ***De Souza Ribeiro v. France*** [GC], § 83***; M. and Others v. Bulgaria***, §§ 122-132; ***Al-Nashif v. Bulgaria***, § 133). Illi hareg car diga illi l-attur kellu kull rimedju opportun moghti lilu permezz tal-proceduri quddiem l-ex Kummissarju ghar-refugjati u dritt ta' appell quddiem l-ex bord tal-appelli dwar ir-refugjati ghal applikazzjoni ta' protezzjoni internazzjonali. Ghajr jista' jinghad illi l-Istat ma pprovdiex mekkanizmi sabiex persuna tikkontesta l-espulsjoni taghha minn pajjiz. Il-fatt illi r-rikorrenti kienu kuntenti bl-ghotija tal-protezzjoni umanitarja temporanja (THP) ma jfissirx illi ma setghax jappella mid-decizjoni ghar-rifjut tal-protezzjoni internazzjonali datata 6 ta' Diċembru 2017. Ghajr issa r-rikorrenti jilmentaw illi m'hemmx mekkanizmu ta appell minn *withdrawal* tat-THP *stante*

illi din it-tip ta protezzjoni tinghata b'mod eccezzjonali u hija regolata b'artikolu appozitu.

11. Illi gialadarba d-dritt ghal hajja familjari ma jistax jitqies bhala wiehed awtomatiku imma jrid jigi ezaminat fil-fatti specie tal-każ, it-talbiet proposti fir-rikors in risposta huma fieragha. Il-fatti specie tal-każ odjern huma in sintezi ta' ex benifkanti ta' protezzjoni umanitarja temporanja (THP) li m'hemmx il-htiega illi jgawdu minn protezzjoni umanitarja temporanja u lanqas minn xi forma ta' protezzjoni internazzjonali ohra;

F'dan is-sens ma jistax jitnesa illi:

*"There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right **<u>except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic wellbeing of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others</u>**."*

12. Illi tenut kont is-suespost, l-ewwel talba indikata fir-rikors promotur in risposta m'ghandiex tigi milqugha *stante* illi m'hemm ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex l-interferenza hija legali u gustifikata.

13. Illi bir-rispett dovut lejn dina l-Onorabbli Qorti u ghalkemm huwa risaput illi l-Qrati Kostituzzjonali jgawdu minn poteri vasti, huma l-awtortijajiet illi ghandhom jirritjenu d-diskrezzjoni abbazi tal-Ligi vigenti illi jaghtu o meno protezzjoni temporanja u kwindi r-raba talba hija improponibbli u m'ghandiex tintlaqa;

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-esponenti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra taghhom."

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021 il-partijiet qablu li t-tielet eċċezzjoni tal-intimati għandha tkun trattata u deċiża preliminarjament qabel kull ħaġa oħra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri.

Rat li il-proċeduri tħallew għal-lum biex tingħata Sentenza fuq it-tielet eċċezzjoni tal-intimati.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrenti waslet Malta flimkien mal-minuri u żewġha. Huma ġew bħal refuġjati mill-Ukrajina. Fis-12 ta' Novembru tal-2021 talbet sabiex tkun akkordata l-istat ta' refuġjat. Fis-6 ta' Diċembru tal-istess sena, ingħatat protezzjoni umanitarja temporanja. Bdiet taħdem hawn Malta fil-qasam tal-isbuħija u saħansitra bdiet tħallas it-taxxi tagħha.

**2.** Permezz ta' ittra datata 28 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti kienet infurmata li l-istat ta' protezzjoni temporanja kien tneħħa (ara a' fol 34). Konsegwentement interponiet appell minn din id-deċiżjoni għal quddiem it-Tribunal ta' Appelli Dwar Protezzjoni Internazzjonali. Permezz ta' Sentenza ta' dan it-Tribunal datata 7 ta' Lulju 2021, ġie deċiż peress li Artikolu 17A(2) tal-Kap 420 ma jippermettiex appelli fir-rigward ta' revoka ta' stat ta' protezzjoni umanitarja temporanja (a' fol 17).

**3.** Ir-rikorrenti qed tilmenta li hija qatt ma ngħatat udjenza quddiem il-Bord u kif ukoll għaliex il-liġi inkwistjoni ma tipprovdix għall-appell minn tali deċiżjoni.

**Punti tal-liġi**

**4.** Kif diġa` intqal aktar 'il fuq, f'dan l-istadju trid tkun deċiża t-tielet eċċezzjoni tal-intimati li permezz tagħha issollevew is segwenti:

> "Illi in linea prelminari ukoll jigi eccepit li rikorrenti naqsu milli jutilizzaw rimedju ordinarju effettiv u accessibbli li jaghtihom il-ligi u cioe`<u> azzjoni ghal-stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv</u> ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta *stante* non-ezawriment ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;"

**5.** Fis-suċċint, l-intimati qegħdin jistiednu lil din il-Qorti sabiex tiddeklina li teżerċita l-poteri mogħtija lilha fit-termini ta' dak li jipprovdu l-Artikolu 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja peress li r-rikorrenti naqset li teżawrixxi r-rimedji ordniarji kif spjegati fit-tielet eċċezzjoni ossia risposta tagħhom u ċioe` azzjoni taħt Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Fid-dawl tal-eċċezzjoni li qed tkun trattata, dak li jrid eżaminat minn din il-Qorti ma hux jekk il-liġi u ċioe` Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta, kellhiex tipprovdi għal dritt ta' appell. Din hija kwistjoni li għad trid tkun trattata fil-mertu jekk ikun il-każ. Dak li jrid ikun eżaminat hu, jekk ir-rikorrenti kellhiex il-possibilita` ta' azzjoni taħt Artikolu 469A(b)(ii) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tirrimedja dan l-allegat nuqqas fil-liġi.

**7.** Il-Qorti qed tagħmel referenza partikolari għal dan is-sub-artikolu, għaliex l-intimati stess għamlu referenza għalih fin-nota ta' osservazzjonijiet. L-eċċezzjoni tal-intimati bħala tali, tagħmel referenza għal dan l-artikolu b'mod ġeneriku għall-aħħar. Hija fin-nota tagħhom biss, li għall-ewwel darba jagħmlu referenza speċifika għas-subartikolu fuq imsemmi (a' fol 65). Għalhekk il-Qorti, fuq indikazzjoni tal-intimati stess tifhem, li meta taw din l-eċċezzjoni, kien dan is-sub-artikolu partikolari li kellhom f'moħħhom. Jekk meta taw eċċezzjoni bħal din kellhom xi subartikoli oħra f'moħħhom, kellhom l-obbligu li jindikawhom. Il-

Qorti ma tistax tagħmel xogħol il-parti. L-allegat ksur min jagħti l-eċċezzjoni jrid jindikah.

**8.** L-ewwel ma għandu jkun osservat hu, li t-Tribunal inkwistjoni ma għandux kompetenza jisma' x-xorta ta' appell li għamlet ir-rikorrenti. Dan kien appell minn revoka ordni ta' protezzjoni umanitarja temporanja. Kif sewwa osserva t-Tribunal il-liġi tikkontempla f'Artikolu 17A(2) (presubilment ried jingħad 17A(1)) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta:

*Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li fiha ma tingħatax protezzjoni umanitarja temporanja.*

**9.** Għalhekk fis-sewwa l-appell li għamlet ir-rikorrenti kien wieħed irritu u null. It-tribunal lanqas li kieku ried ma seta' jiddeċiedi dan l-appell għaliex ma kellu ebda ġurisdizzjoni jagħmel dan. Kienet ta' kwistjoni kjarament ta' proċedura u ta' ordni pubbliku. Fil-fatt dawn il-Qrati dejjem sostnew hekk:

"Illi termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitlobu l-ħarsien ad unguem u huma ta' ordni pubbliku, li jistgħu jitqajmu ex ufficio minn qorti jew minn tribunal (Ara Sentenzi tal-**Appelli. Inferjuri, tas-6 ta' Frar tal-2008 fil-kawża fl-ismijiet Kenneth Abela -vs- Aplan Limited** u kif ukoll dakk tat-**12 Diċembru tal-2007 fil-kawża fl-ismijiet Salina Wharf Marketing**

**Ltd -vs- Malta Tourism Authority** u **tat-12 ta' Frar tal-2010 fl-ismijiet Mirjana Kovecevic –vs- Myoka Management Ltd**).

**10.** Għalhekk, dak li wassal għall-ilment tar-rikorrenti ma hux xi nuqqas tat-Tribunal fis-sens kif irid l-artikolu ċitat mill-intimati u ċioe` li t-tribunal naqas milli josserva xi prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' għemilu minn aspett amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil. Dan ma setax jagħmlu, għaliex qabel xejn ma kenitx il-kompetenza tiegħu li jikkunsidra l-ilment għaliex l-istess liġi teskludih aprioristikament milli jagħmel dan.

**11.** Kienet tkun storja oħra kieku kien jeżisti dritt ta' appell u jiġi allegat mill-appellant, li t-Tribunal wettaq dak li ma jridx l-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba dan, ir-rikorrenti qatt ma setgħet tirnexxi kieku mxiet skont kif qed jippretendu l-intimati qabel ma proponiet dawn il-proċeduri u konsegwentement qatt ma setgħet tingħatha rimedju rejali u effettiv. Tassew, li fit-talbiet tagħha r-rikorrenti tgħid li ma ngħatatx smiegħ xieraq, iżda dan mhux għaliex it-Tribunal ma tahiex dan is-smiegħ xieraq, imma b'konsegwenza tal-fatt li l-liġi ma tipprovdix dritt ta' appell minn revoka ta' ordni proviżorja umanitarja.

**12.** Di piu` din il-Qorti tirrileva, li fit-talbiet tagħha r-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni li l-fatt li l-liġi ma tipprovdix għal appell fiċ-ċirkostanza partikolari, fih innifsu qed jiksrilha d-drittijiet fundamentali tagħha. Kemm dan huwa minnu

għad irid ikun ikkunsidrat, iżda huwa ċar, li dikjarazzjoni bħal din qatt ma tista' tkun ottenuta bis-saħħa tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**13.** Tant biex il-Qorti tkun ikkunsidrat kollox b'referenza għall-Artikolu 4659A(1)(a) tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta, anke jekk dan ma issemmiex speċifikament mill-intimati dawn il-Qrati dejjem sostnew li "*is-subartikolu [(1)(a) tal-Kap. 469] jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u lkompetenza civili separati u distinti – il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319."* (ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Christopher Hall -vs- Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni datata 18 ta' Settembru 2009**".

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-intimati.

Spejjeż ta' din il-vertenza a' karigu tal-intimati.

**Imħallef Toni Abela** ` **Deputat Reġistratur**